ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru 2014 fis-6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Settembru 2014;

   b) Skeda ta' Ħlas Settembru 2014;

5. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 29 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Il-Vici Sindku ried li jsiru xi emendi w dawn saru mill-ewwel. Is-Sindku ppropona li jkunu addottati, issekonda il-Viċi Sindku Vassallo u l-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Is-Segretarju qalet li dahlet fil-Berga u sabet li l-kmamar li hemm mhux kbar ghaldaqstant dawn iridu jintuzaw meta jkun hemm grupp zghir biex jattendi xi kors klassijiet tal-Lifelong Learning.
Il-Kunsillier Schembri flimkien mal-Kunsillier Agius dahlu fil-berga u issuggerew li partition li hemm titnehha u b'hekk ikun hemm sala zghira fejn ikunu jstghu isiru l-korsijiet. Is-Segretarju qalet li se tikkuntattja lil Dr. Degabriele fil-Ministeru tas-Sahha biex ticcekkja jekk dan jistghax isir.

b. Dar il-kwotazzjoni tas-Sur Saviour Mifsud dik ta' €1,290, din hi biex isir iz-zbir kollu li hu mehtieg madwar ir-rahal u ma tinkludiex is-sigar ta' fuq Santu Rokku. Dim nil-kwotazzjoni giet accettata mil-Kunsill.

c. Minghand l-avukat tas-Sur Chris Scicluna dwar accident li sar bil-cover tal-hofor tan-nar fejn infurmana li spiza ser tkun ta' €1,734.96. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt ma' l-Avukat tal-Kunsill.

d. Dwar il-laqgha li ser issir ir-Regjun Nofsinhar nhar il-Hamis 8 ta' Ottubru fis-6.30pm. Din il-laqgha se tkun dwar il-progett LEAP.
Il-Kunsillier Agius qalet li dan il-progett hu biex jindika l-bzonnijiet ta' familji mill-att socjali li jridu jigu identifikat mill-Kunsill. Qalet ukoll li ser issir laqgha ohra dwar dan is-suggett.

e. Is-Segretarju qalet li f'Novembru jghalaq il-kuntrat tal-Gbir ta' Skart ghaldaqstant ghandha id-dokument lest biex jarawh il-Kunsilliera biex tohrog is-sejha. Saret diskussjoni qasira u sar ftehim li fit-tender jigi specifikat il-hin li jingabar li skart ikun is-7.30 ta' filghodu.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

a. Informazzjoni dwar il-laqgha tas-Sindki li ser issir nhar is-7 u 8 ta' Novembru gewwa Ghawdex. Is-Sindku qal li se jattendi fis-7 u 8 ta' Novembru filwaqt li l-Vici Sindku qal li se jattendi fis-7 ta' Novembru.

ĦAL GĦAXAQ

b. Minghand Ms Denise M. Farrugia li hija l-Agent ta' l-Izvilupp Regjonali ircevejna informazzjoni dwar laqgha tal-LEAP li ser issir nhar it-28 ta Ottubru fis-6.00pm il-Laboratorju tal-Paci. Ser jattendu l-Kunsilliera Agius u Schembri.

c. Minghand is-Sur Alex Cutajar mil-MFSS dwar Skema Nehduk Ghawdex fejn hemm anness ukoll program.

d. Mir-Regjun Nofsinhar dwar rotta tal-gwardjani filghaxijiet fejn is-Sindku indika li jekk ikun hemm il-htiega isiru *night shifts* mill-gwardjani lokali.

e. Mil-AKL dwar Seminar SEEMORE dwar Mobilita Sostenibbli u t-Turizmu li ser issir nhar il-11 ta' Novembru il-lukanda Palace tas-Sliema

f. Gejna mgharrfa dwar il-konferenza Annwali ta' ANSEK fis-27 ta' Novembru fit-8.30am il-Palace Hotel. Ghal din il-laqgha ser tattendi s-Segretarju.

g. Mir-Regjun Nofsinhar gejna infurmati li  talba ghal gwardjani lokali f'zoni partikolari trid issir mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u iffirmati mit-tnejn.

h. Mil-Kura Primarja tas-Sahha gejna infurmati dwar Health Talks biex isiru fil-lokalitajiet. Dawn qed isiru fuq diversi suggetti.

i. Ergajna ircevejna minghand Vote 16 dwar ambaxxatur jew ambaxxatrici tal-Kunsill. Infurmawna li l-Kunsill irid jahtar ambaxxatur iehor jew ohra.

j. Valletta 2018 Foundation infurmawna li ser isiru diversi laqghat f'diversi postijiet b'konessjoni al-Valletta 2018 GIS Cultural Mapping Project. Il-Kunsillier Agius attendiet ghal din l-laqgha u qalet li min qed jiehu hsieb din l-fondazzjoni ghandhom website bhala direttorju fejn juru progetti kulturali fl-irhula.

k. L-Operations Manager tal-haddiema tal-IPSL baghatu email biex lil haddiema jilbsu uniformi jew ilbies protettiv. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li jixtri xi lbies ghall-haddiema assenjati mall-Kunsill.  Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-*highlighted vests*.

l. Minghand is-Sur Charles Grixti dwar il-manutenzjoni ta' Triq Has Saptan. Saret diskussjoni u l-kunsill qabel li jingiebu prezzijiet ta' kemm l-manutenzjoni ta' din it-triq tigi tiswa.

m. TM infurmawna li ir-reserved parking bay fi Triq St. Philip tista titnehha. Gharrufna ukoll li ma jsibu ebda oggezzjoni biex isiru double yellow lines faccata ta garage no 11 Triq Manuel Dimech

ĦAL GĦAXAQ

n. Ircevejna talba minghand Rev. Mario Said biex innaddfu il-ground minflok inhallsu tas-Sala. Is-Sindku qal li Rev. Said ghandu xi ramel taht hajt tas-sejjieh u qed jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill biex dan jitnehha  Il-Kunsill qabel li Rev. Mario jinghata din l-ghajnuna minhabba li l-Kunsill jghamel uzuz ta' spiss mis-swali tieghu.

o. Dwar li SKEMA tas-CIES id-Dipartiment infurmana li se jhallsu il-paga tas-Sur Dennis Psaila izda il-bolla trid tithallas mill-Kunsill.

p. Is-Sur John Caruna qed jitlob li issirlu kaxxa safra quddiem garage fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel li meta s-Sur Caruana jlesti ix-xoghol tal-ftuh ta' garaxx l-Kunsill jghamel it-talba biex issirlu kaxxa safra.

q. Is-Sur Pulis baghatilna ittra dwar bus shelter li jixtieq li jsir. Il-Kunsill qal li din it-talba trid issir lil Tranposrt Malta u mhux lil-Kunsill.

r.

s. ra.

## 4. Materji Finanzjarji

**a) *Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Settembru 2014, li kienu jammontaw għal €81.43 . Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€81.43 għall-*petty cash*. Il-Viċi Sindku ressaq ghall-approvazzjoni u kienet sekondata mill-kunsillier Schembri.

**b) *Skeda ta' Ħlas Settembru 2014.*** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2014 li jammontaw għal **€**16,315.81 .

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

4. **Suggerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li l-ilma u d-dawl fil-latrini l-godda ta' Gnien il-Kunsill issa lesti u jehtieg li ninfurmaw is-Sur John Caruana, il-persuna li kienet rebhet il-kwotazzjoni ghaz-zamma tal-latrini biex jibda jiehu hsieb dawn il-latrini.



Is-Sur Abela qal ukoll li irid jgib persuna biex jghamel ix-xoghol li hemm mehtieg ta' l-ilma.

Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill irid jghamel kuntatt mal-kumpanija ta' Bajada li kienet ghamlet il-panelli biex dawn jitqabbdu mad-dawl ta' l-EneMalta.  Il-Kunsill qabel.

b. Il-Vici Sindku staqsa lis-Sindku dwar il-karti li s-Sindku kellu jipprezenta fil-laqgha tal-Kunsill.  Dan sar minhabba li fil-laqgha precedent dwar il-kwisjoni ta' Triq Telleritu fejn il-Vici Sindku kien talab lis-Sindku biex jispjega kif is-Sindku ghamel xoghol ta' tarmac fi Triq Telleritu minghajr dan ix-xoghol ma gie diskuss fil-laqghat tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li kellu l-karti li hu pprezenta f'envelop izda li dan ma fethux u qal li kien qed jitlob vot li jipproponi biex dan ix-xoghol ta' Triq ta' Loretu tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. Kompla jghid li jixtieq li din il-materja tigi diskussa meta jkun hawn il-membri tal-Kunsill kollha. Il-Vici Sindku flimkien mal-Kunsillier Agius kienu kontra li s-Sindku ma jghidx dak li kellu xi jghid dwar Triq Telleritu filwaqt li l-Kunsillier Schembri u s-Sindku riedu li din tigi diskussa meta il-Kunsill ikun kollu prezenti. Hawnhekk is-Sindku qal li hu se jiehu l-*casting vote*.

Hawnhekk kien hemm disgwid u s-Segretarju qalet li la kien hemm kworum din il-materja tista tibda tigi diskussa u titkompla f'laqgha ohra.

Il-Vici Sindku ukoll qal li l-laqgha suppost titkompla u din il-materja tigi diskussa w tista ukoll titkompla f'laqgha ohra.

Il-Vici Sindku kompla jghid li jrid lis-Segretarju tikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli li ma jaqbilx ma din il-kwistjoni li saret din it-trqi minghajr ma kien hemm tender jew approvazzjoni minn naha tal-Kunsill.

Is-Sindku rega sahaq li jixtieq jipprezenta l-karti meta jkun hawn kulhadd.

Il-Kunsillier Agius qalet li sppost il-laqgha titkompla skond l-Agenda. Il-Vici Sindku flimkien mal-Kunsillier Agius talbu li d-diskussjoni dwar it-Triq Telleritu ssir kif kien miftiehem fil-laqgha precedent u jekk ikun hemm il-htiega din tibqa tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. Il-Kunsillier Schembri qalet li hi taqbel li tigi diskussa meta jkun prezenti l-Kunsillier Fenech.

Hawnhekk is-Sindku ma riedx ikompli fuq is-suggett u kompla bil-laqgha.

ĦAL GĦAXAQ

c. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien imharrek biex jixhed f'kaz il-qorti dwar dustbin li kien gie mkisser minn persuna meta sar accident tat-traffiku. Is-Sindku qal li hu ma kienx jiftakar xejn dwar dan id-dustbin.

*d.* Is-Sindku qal li f'Ghaxaq Bypass fejn kienet tnehhiet island zghira quddiem fejn ser isir il-monumen ta' l-annimali issa ser isir xoghol minn Transport Malta biex issir konka kbira biex bicca mit-triq issir *service road.* Qal li hu ser joggezzjona ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel.

*e.* Is-Sindku qal li Triq it-Terha hemm parking space ghad-disabled li xtaq li jitnehha. Il-Vici Sindku qal li suppost ikun hemm disabled parking f'certu distanza minn parking ghall-iehor.

*f.* Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm applikazzjoni biex Triq il-Kuncizzjoni, Triq Girakol u Triq Gistakol biex dawn isiru.

*g.* Is-Segretarju qalet li t-tabella tal-Loading u Unloading bil-hin li kien hemm Bir-id-Deheb tnehhiet min xi hadd. Il-Kunsill qabel li din terga issir.

*h.* Is-Sindklu qal li Triq Gius. Demicoli meta tghamel ix-xita l-ilma jaqleb go dar tal-Bonc u issugerixxa li jsir culvert. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jiccekkja kemm jigi jiswa danil-*culvert.*

i. Is-Sindku qal li Triq il-Hareb hemm bicca hamrija fejn in-nies jitfghu li skart u issugerixxa li jsir cint. Il-Kunsillieri Agius u Fenech issuggerew li ssir qasrija kbira filwaqt li l-Vici Sindku qal li jistgha jitpogga caghaq u pjanti hergin minnhu. Il-Kunsill qabel.

j. Is-Sindku qal li gie mitlub li jressaq is-sleeping police li hemm fis-service road hdejn il-hanut Bukkun aktar lejn Triq il-Hannieqa. Il-Vici Sindku qal li l-ahjar issir applikazzjoni ghal sleeping police ohra u li hemm tibqa fejn hi. Il-Kunsill qabel.

k. Il-Vici Sindku qal li ssemmew sqaqien li ser isiru bil-konkrit fil-Gudja, Birzebbugia sa Has-Saptan. Qal ukoll li Hal Ghaxaq ma giex imsemmi

u talab li tintbaghat ittra ta' protesta lil-Hon.Ian Borg li l-Kunsill jinsab urtat li Hal Ghaxaq mhu se jsir xejn. IL-Kunsill qabel.

l. Il-Kunsillier Schembri qalet li se tghamel zewg korsijiet, wiehed tal-Arti u iehor tal-hjata. Qalet ukoll li zewg korsijiet tal-Lifelong Learning ser isiru li skola minhabba li s-Sala tal-Kappilllan ser issir xi attivita. Ghaldaqstant qalet li l-Kunsill ser ikollu jhallas il-purtinar li jkun li skola. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

m. Is-Sinjura Schembri kompliet tghidli se torganizza ukoll harga ghal Palazz ta' l-Inkwizitur fl-24 ta' Novembru 2014 bil-prezz ta' €7 kull persuna. Dan il-prezz ikun jinkludi Dhul, Wirja u zjara fil-Muzew Marittimu. Qalet ukoll li trid li l-Kunsill isiru 1,500 kopja tal-avviz biex jitqassmu fid-djar. Il-Kunsill qabel.

n. Is-Sinjura Agius qalet li wasal iz-zmien li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet biex jintrama id-dawl tal-Milied fit-toroq. Il-Kunsill qabel.

o. Is-Sindku qal li jixtieq li l-Kunsill jghamel kuntatt mal-Ministeru tal-Kultura biex jgib Sigar tal-Milied kbar biex jigu armati fir-rahal. Il-Kunsill qabel.

p. Is-Sur Abela qal ukoll li jixtieq li l-Kunsill jorganizza wirja ta' presepji. Il-Kunsill qabel.

q. Is-Sindku qal li jehtieg li l-Kunsill jsib persuna biex jghin il-Kunsill fuq Fondi Ewropej. Il-Kunsill qabel.

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014, fis-6.00pm.

Darren Abela                    Therese Xuereb

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati:- it-Tlieta 11 ta' Novembru,  2014,  fis-6.00pm</u>**